**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

1 ta' Awwissu, 2024

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 9/03

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 7 ta' Awwissu 2024 fis-18:00.

Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

Importanti tkunu fil-ħin.

*(IFFIRMATA)*

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 9/3

1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' rapporti finanzjarji:

   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta' dħul;
   c. Skeda ta' ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;

6 Minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u l-Lmenti;

7 Applikazzjoni PC 0011/24 (PROPOSED CHANGE IN PLOT PARCELING AND ALIGNMENT- tal-Wej);

8 Attendenza tal-laqgħat online – kriterji ta' ġustifikazzjoni – Direttiva DGL 1/2024;

9 Kriterji għal Ġieħ in-Naxxar;

10 Triq Leli Falzon;

11 Proġett ta' tisbieħ u organizzar ta' parkeġġ bejn Vjal il-21 ta' Settembru u Triq il-Mosta;

12 Immaniġġjar aħjar tat-traffiku fi Vjal il-21 ta' Settembru;

13 Attivitajiet għax-xhur li ġejjin (Milied);

14 Fondi għal attivitajiet mir-Reġjun;

15 CCTV's;

16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU.03 - L-ERBGĦA 7 TA' AWWISSU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Christopher Deguara | Sindku |
| | Joseph Spiteri | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Godwin Grech | Kunsillier |
| | Andre' Muscat | Kunsillier |
| | Matthew Vella | Kunsillier |
| | Louis Camilleri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Assistent Prinċipal |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) iinforma li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Attendenza sħiħa; ma kienx hemm apoloġiji.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-Kunsillier Sciberras ippropona emenda f'punt numru 5 A tal-minuti preċedenti biex juru li kien iddikjara konflitt ta' interess. Il-Kunsill qabel *nem con*.

2.2. Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa preċedenti kif emendati *nem com*. Ippropona l-Kunsillier Muscat, issekondat mill-Kunsillier Gatt.

2.3. Arising minn punt nr 4 tal-minuti – il-Kunsillier Brincat talab li jkollu risposta sal-laqgħa li jmiss.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Is-Sindku iinforma li fis 16 ta' Lulju kellu laqgħa ma' Andrea Catania li hija l-koordinatriċi tar-RIGHTS Children's Council, parti mill-Malta Foundation for the Wellbeing of the

Society. Is-Sinkdu iinforma li fl-10 ta' Settembru se jiltaqa' l-ewwel Kunsill tat-tfal bejn 8 u 16-il sena propju fil-bini tal-Kunsill fil-preżenza tal-President Emeritus, l-ET Marie Louise Coleiro Preca.

3.2. Fis-17 ta' Lulju saret laqgħa ma' Dr Julian Zarb rigward l-Etnographic Guide Book. Dan huwa ktieb li jirrakkonta l-esperjenzi ta' nies Naxxarin u x-xogħol fuqu jinsab miexi.

3.3. Fil-25 ta' Lulju saret laqgħa tar-Reġjun Tramuntana. Fiha ġie diskuss l-isifidi tal-irħula fir-Reġjun. L-ikbar sfida għal-kulħadd hija l-immaniġġjar tal-iskart. Fl-istess laqgħa ssemmiet il-European Week of Regions and Cities li se ssir bejn is 7 u l-10 ta' Ottubru ġewwa Brussell. Is-Sindku informa li huwa mistieden għal din iżda jrid jara jekk ikunx jista' jattendi. Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi ħadd mill-kunsilliera li jixtieq jattendi minfloku. Il-Kunsillier Brincat u l-Kunsillier Grech urew l-interess tagħhom li jattendu.

3.4. Fil-31 ta' Lulju s-Sindku kellu laqgħa mas-Sur Agius Muscat mill-MHRA u l-Malta Tourism Foundation. F'din il-laqgħa ġie diskuss kif il-Kunsill jista' jikkollabora u jikseb u jagħti esperjenzi fir-rigward.

3.5. Fl-1 ta' Awwissu saret laqgħa mal-perit ta' Infrastructure Malta dwar in-naħa ta' isfel ta' Triq Leli Falzon minħabba numru ta' djar li qed jegħrqu. Flimkien mas-Sindku kien preżenti wkoll il-Viċi Sindku u s-SE. Is-Sindku informa li dik il-biċċa tat-triq se terġa tinqala' minħabba l-qlib. Huwa informa li x-xogħol se jsir minn wara Santa Marija sa nofs Settembru, dejjem jekk ma' jinqala' xejn tul ix-xogħlijiet.

3.6. Fl-1 ta' Awwissu wkoll saret il-laqgħa tat-talbiet u ilmenti.

3.7. Fl-1 ta' Awwissu wkoll saret il-laqgħa Ġenerali Annwali tal-Majjistral Action Group. Għal din il-laqgħa kienet preżenti Il-Kunsillier Cuomo. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li waqt din il-laqgħa ingħata rendikont dwar x'sar fis-sena li għaddiet u x'fondi hemm. Fid-19 ta' Awwissu se ssir l-ewwel laqgħa tal-MAGF.

3.8. Fit-2 ta' Awwissu Is-Sindku tkellem mad-direttorat tal-Cleansing Division fejn il-kunsill ġie offrut servizz biex tinħasel Triq tal-Labour. Huwa rringrazzja lis-Sur Deguara (DG Cleansing) għal din l-għajnuna.

3.9. Fit-3 ta' Awwissu saret laqgħa ma' Ms Martha Urpani li se tirrapreżenta n-Naxxar bħala Ms. Beauty Naxxar. Is-Sindku għan-nom tal-Kunsill awguralha kull suċċess.

3.10. Fit-3 ta' Awwissu wkoll is-Sindku kellu laqgħa dwar petizzjoni dwar blokka li ilha tinbena mis-sena 2018 fi Triq il-Milizzja. Is-Sindku offra s-sapport kollu tal-Kunsill lil dawn ir-residenti.

3.11. Fil-5 ta' Awwissu saret laqgħa mal-Community Police li fiha kienu diskussa l-punt tal-laqgħa preċedenti. Is-Sindku talab lil-Kunsillieri biex ma jibgħatux rapporti individwalment iżda jgħaddu l-każijiet lilu jew lis-SE minħabba li hemm chat uffiċjali diretta mal-pulizija.

3.12. Saret laqgħa mal-kumitat tal-festa bħala parti mil-laqgħat li qed isiru mal-għaqdiet u bi preparazzjoni għal-festa.

3.13. Fis 6 ta' Awwissu s-Sindku kellu laqgħa Mas-Sur Gerald Vella, Manager tal-Majjistral Action Group Foundation. Is-Sur Vella offra li jispjega kif jaħdem l-MAGF lill-Kunsill il-ġdid.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Is-SE iinforma li ma kellux mistoqsijiet mill-kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

A. **SKEDA TAL-PAGAMENTI;**

B. **SKEDA TA' DĦUL;**

C. **SKEDA TA' ORDNIJIET;**

D. **INFIQ MILL-PETTY CASH;**

5.1. Il-Kunsill approva l-iskedi elendkati fuq *nem com* fuq proposta tal-Kunsillier Deguara ssekondat mill-Kunsilier Sciberras.

## 6. MINUTI TAL-LAQGĦA TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U L-LMENTI;

6.1. Il-Kunsill approva dawn il-minuti *nem com*. Ippropona s-Sindku ssekondat mill-Viċi Sindku.

## 7. APPLIKAZZJONI PC 0011/24 (PROPOSED CHANGE IN PLOT PARCELING AND ALIGNMENT- TAL-WEJ);

7.1. Fuq proposta tas-Sindku u ssekondat mill-Viċi Sindku, Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jopponi dan l-iżvilupp minħabba li hija żona ODZ.

7.2. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jibqa' mal-linji gwida tiegħu u ċioè li jopponi kull żvilupp f'ODZ kull meta jkun hemm applikazzjonijiet fil-futur.

## 8. ATTENDENZA TAL-LAQGĦAT ONLINE – KRITERJI TA' ĠUSTIFIKAZZJONI – DIRETTIVA DGL 1/2024;

8.1. Is-Sindku spjega direttiva li l-Kunsill irċieva mid-DLG dwar attendenza online tal-laqgħat tal-Kunsill.

8.2. Id-direttiva tispjega li kemm jista' jkun il-kunsilliera għandhom jevitaw milli jattendu għal laqgħat tal-Kunsill online.

8.3. Tressqu kriterji standard dwar x'hinu meqjus ġustifikat biex wieħed ikun preżenti għal-laqgħa tal-kunsill online (annessi f'E).

8.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. KRITERJI GĦAL ĠIEĦ IN-NAXXAR;

9.1. Is-Sindku informa li kienu ntbagħtu l-kriterji għal Ġieħ in-Naxxar lill-kunsilliera.

9.2. Is-Sindku issuġġerixxa li mal-kriterji preżentati jiżdied kriterju li żżomm lil min innomina anonimu.

9.3. Il-Kunsill unanimament qabel mal-kriterji.

## 10. TRIQ LELI FALZON;

10.1. Is-Sindku spjega problema ta' traffiku kbira fl-inħawi tal-iskejjel. Huwa ċċara li din il-problema nħolqot wara numru ta' fatturi relatati mal-iskejjel.

10.2. Is-Sindku spjega nuru ta' soluzzjonijiet li iżda mhumiex fil-kontroll tal-Kunsill.

10.3. Għalhekk Is-Sindku ssuġġerixxa li Triq Leli Falzon terġa ssir two-way u b'sinjali ċari biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku.

10.4. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li fid-dawl li Infrastructure Malta se tkun qed taħdem fuq il-qlib tal-ilma u taqla' partijiet mit-triq fi Triq Leli Falzon, il-bankina l-wiesgħa l-aktar viċin il-Mitħna terġa tiċkien biex f'każ li jkun hemm bżonn li t-triq issir two-way l-infrastruttura tkun lesta.

10.5. Il-Kunsill qabel li Triq Leli Falzon terġa ssir two-way biss jekk il-pjanijiet kollha biex titjieb il-problema tat-traffiku jfallu u dan wara li ssir konsultazzjoni.

## 11. PROĠETT TA' TISBIEĦ U ORGANIZZAR TA' PARKEĠĠ BEJN VJAL IL-21 TA' SETTEMBRU U TRIQ IL-MOSTA;

11.1. Il-Kunsill kien ippreżentat filmat/viżwal bi proposta ta' kif jista' jissebbaħ il-ġnien li jinsab bejn Vjal il-21 ta' Settembru u Triq il-Mosta. Minbarra t-tisbiħ, il-proġett jinkludi li jiżdied il-parkeġġ.

11.2. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-proġett li pjanta tiegħu hija annessa f'F.

## 12. IMMANIĠĠJAR AĦJAR TAT-TRAFFIKU FI VJAL IL-21 TA' SETTEMBRU;

12.1. Is-Sindku fakkar kif parti minn Vjal il-21 ta' Settembru ġiet immarkata bil-linji tal-parkeġġ minn Infrastructure Malta. Huwa fakkar ukoll li din il-parti tat-triq mhux wiesa' biżżejjed biex takkomoda żewġ direzzjonijiet u jsir parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

12.2. Wara diskussjoni u wara li kien aċċertat li l-bankina ma' tistax tiċkien u s-siġar ma jistgħux jiġu rilokati, il-Kunsill qabel li jitneħħew il-linji tal-parkeġġ tan-naħa fejn hemm il-bankina dejqa. Jitħallew l-un/loading bays u idealment l-ispazju jintuża bħal *drop off.*

## 13. ATTIVITAJIET GĦAX-XHUR LI ĠEJJIN (MILIED);

13.1. Is-Sindku ċċara li l-Kunsill m'għandux obbligu li jarma jew jagħmel attivitajiet għall-Milied però jemmen li jkunu sabiħa li fejn possibbli l-Kunsill jagħmel attivitajiet u jżejjen it-toroq għall-Milied. Huwa ippropona li toħroġ sejħa għall-offerti biex isir it-tiżjin tal-Milied fit-toroq.

13.2. It-toroq proposti mis-Sindku biex jintramaw għall-Milied huma; Vjal il-Labour, Triq il-Parroċċa, Triq Santa Luċija, Triq il-Kbira, Baħar iċ-Ċagħaq ħdejn il-knisja u Vjali il-21 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel *nem com.*

13.3. Is-Sindku talab għall-kooperazzjoni u għajnuna speċjalment finanzjarja minn negozji tal-lokalità.

13.4. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li s-sejħa għall-offerti għad-dawl tal-Milied tintalab kwantifikata triq triq sabiex il-Kunsill ikun jista' jbiddel it-toroq skont il-baġit.

## 14. FONDI GĦAL ATTIVITAJIET MIR-REĠJUN;

14.1. Is-Sinkdu fakkar li s-sena l-oħra l-Kunsill kien ingħata s-somma ta' €20,000 mir-Reġjun Tramuntana. Dawn il-fondi intużaw biex isiru attivitajiet ġewwa n-Naxxar organizzati mill-għaqdiet lokali b'kollaborazzjoni mall-Kunsill. L-għaqdiet li ibbenefikaw huma; In-Naxxar Lions - €5,000; Il-Kor Jublate Deo - €5,000; Voluntiera kappella ta' San Ġwann €1,000; Attività mtella minn Michael Pirotta €500. Għalhekk baqa' bilanċ ta' €8,500.

14.2. Is-Sindku ppropona li dan il-bilanċ jinqasam bejn iż-żewġ għaqdiet tal-banda sabiex itellgħu bejniethom flimkien mal-Kunsill attività fil-Milied. Il-Kunsill qabel.

14.3. Is-Sindku ppropona li jingħaqad sottokumitat biex tkun organizzata attività żgħira tal-Milied. Il-Kunsill qabel li s-sottokumitat ikun magħmul mis-Sindku u l-Kunsillier Godwin Grech, Noel Gatt u Louis Camilleri. Il-Kunsill qabel.

## 15. CCTV's;

15.1. Is-Sindku informa lill-Kunsill hemm fond mir-Reġjun Tramuntana għall-installazjoni ta' CCTV's. Il-Kunsill huwa mitlub li jidentifika postijiet fejn hemm bżonn ta' CCTV's u jgħaddi l-iinformazzjoni lir-Reġjun.

15.2. Fid-dawl li l-Kunsillier Gatt kien diġà beda jaħdem fuq din il-lista', s-Sindku talbu biex ikompli jieħu ħsieb dan il-każ. Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsillier Gatt jitkellmu u jaħdmu fuq dan il-każ u l-informazzjoni kollha titla' quddiem fil-laqgħa li jmiss.

## 16. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

16.1. Il-Laqgħa nitemmet fit-20.41.

16.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Settembru 2024 fis-18.00.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgha nr 9/03

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-18 ta' Lulju 2024 sal-31 ta' Awissu 2024

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adobe Systems | €645.24 | €645.24 | NA | PF | Adobe subsription Jul 24-Jul 25 | 22/07/2024 | 2825821668 | n/a | n/a | 2630 |
| 2 | Alka Ceramics | €56.64 | €56.64 | K | PF | New street sign - Triq Giuseppe Stivala | 05/06/2024 | 7772 | 094/24 | 094/24 | 2313 |
| 3 | Alka Ceramics | €56.64 | €56.64 | K | PF | New street sign - Pjazza Darnino | 24/07/2024 | 7797 | 112/24 | 112/24 | 2313 |
| 4 | Antes Insurance Brokers | €2,857.47 | €2,857.47 | NA | PF | Insurance coverage Aug 24-Aug 25 | 05/08/2024 | LCBC000496 | n/a | n/a | 3030 |
| 5 | Apcopay | €22.08 | €22.08 | NA | PF | BOV transactions for June 2024 | 23/07/2024 | 23725 | n/a | n/a | 3035 |
| 6 | Archway Ironmongery | €218.15 | €218.15 | K | PF | Ironmongery items as needed | 30/06/2024 | 41543 | 123/24 | 123/24 | 2210 |
| 7 | Archway Ironmongery | €79.66 | €79.66 | K | PF | Ironmongery items as needed | 26/06/2024 | 41564 | 123/24 | 123/24 | 2210 |
| 8 | Archway Ironmongery | €298.89 | €298.89 | K | PF | Ironmongery items as needed | 30/06/2024 | 41553 | 117/24 | 117/24 | 2210 |
| 9 | Arms | €1,426.22 | €1,426.22 | NA | PF | Bill for LC office (11.5-11.6.2024) | 08/07/2024 | 38726504 | n/a | n/a | 2170 |
| 10 | Bank of Valletta | €15.00 | €15.00 | NA | PF | Charge for grey deposit bags | 30/07/2024 | 063PCEF24212001 | n/a | n/a | 3035 |
| 11 | B.Grima & Sons Ltd | €74.34 | €74.34 | K | PF | Signs and brackets | 25/07/2024 | 10015030 | 141/24 | 141/24 | 2313 |
| 12 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette re filming | 24/07/2024 | | n/a | n/a | 2940 |
| 13 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Street sweeping for July 2024 - extra - | 31/07/2024 | 317 | n/a | n/a | 3051 |
| 14 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Street sweeping for July 2024 | 31/07/2024 | 318 | n/a | n/a | 3051 |
| 15 | Grant Thornton | €32.00 | €32.00 | NA | PF | Auditors' letter to BNF Bank re auditing accounts | 26/07/2024 | SI122189 | n/a | n/a | 3160 |
| 16 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works done in Triq il-Lampara | 27/07/2024 | g.32638 | n/a | n/a | 4006 |
| 17 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works done in Triq A. Darcel | 27/07/2024 | g.38728 | n/a | n/a | 4006 |
| 18 | Inland Revenue Dept | €5,396.20 | €5,396.20 | NA | PF | FSS & NI for July 2024 | 25/07/2024 | | n/a | n/a | 1500 |
| 19 | Micamed | €552.83 | €552.83 | T | PF | W081 Triq it-Torri tal-Kaptan | 24/07/2024 | 12883 | n/a | n/a | 3065 |
| 20 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | W080 Triq it-Torri Gauci | 24/07/2024 | 12884 | n/a | n/a | 3065 |
| 21 | Micamed | €588.23 | €588.23 | T | PF | W083 Triq il-Kappella tax-Xaghra | 24/07/2024 | 12890 | n/a | n/a | 3065 |
| 22 | Micamed | €135.70 | €135.70 | T | PF | W137 n/s in Triq il-Markiz Scicluna | 24/07/2024 | 12845 | n/a | n/a | 3065 |
| 23 | Victor Mula | €1,930.36 | €1,930.36 | T | PF | Handyman services for June 2024 | 30/06/2024 | | n/a | n/a | 3125 |
| 24 | Paramount | €411.82 | €411.82 | K | PF | Transport services for June 2024 | 18/07/2024 | 10013434 | 012/24 -109/24-12 | | 2720 |
| 25 | Piscopo Gardens | €76.70 | €76.70 | K | PF | Plants maintenance July 2024 | 24/07/2024 | 11756 | 183/23 | 183/23 | 3060 |
| | | **€28,145.29** | **€28,145.29** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

______________________
Dr Chris Deguara
Sindku

______________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

______________________
Proponent

______________________
Sekondant

# Naxxar Local Council

**Petty Cash July 2024**

| For 01/07/2024 through 23/07/2024 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| | | | | | |
| 01/07/2024 | Impressions | Papers ghal Guramenti | | €20.06 | 040/24 |
| 01/07/2024 | Ferralco Ltd | Cylinder-- door lock | | €9.79 | 041/24 |
| 02/07/2024 | Charles Mini market | Drinks for 1st meeting | | €39.80 | 042/24 |
| 10/07/2024 | Nabela Ltd | Petrol for generator | | €25.00 | 043/24 |
| 10/07/2024 | Spiral Design | Print of LC logo | | €5.90 | 044/24 |
| 12/07/2024 | Mille Profumi | Cleaning products | | €29.86 | 045/24 |
| 18/07/2024 | RG Alternatives | 1 LED for lift | | €27.51 | 046/24 |
| 19/07/2024 | Pavi Supermarket | Biscuits for council meetings | | €14.72 | 047/24 |
| 23/07/2024 | Tech hub | HDMI cable | | €6.50 | 048/24 |
| 23/07/2024 | Scan | HDMI cable | | €15.95 | 049/24 |
| | | Return to float | €195.09 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | **€395.09** | **€195.09** | |

Charmaine Calleja
01/08/2024

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Income List for the month of July 2024**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Other Government Income | €5,019.18 |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0015 | Other Government Income | |
| 0020 | Commercial/directional signs | €130.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | |
| 0023 | Cultural Activities | |
| 0024 | Football ground hire | |
| 0025 | Skip Permit | €156.62 |
| 0026 | Crane Permit | €8,404.00 |
| 0027 | Kiosk Permit | |
| 0028 | Outside Activity permit | €79.22 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €432.80 |
| 0031 | Hire of Council Hall | |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | |
| 0033 | #N/A | |
| 0036 | Contraventions | |
| 0067 | #N/A | |
| 0110 | #N/A | |
| 0121 | Advertising | |
| 0125 | Trenching permits | €2.33 |
| 0200 | Debtors | |
| 4006 | Contractors guarantees | €920.00 |
| 4007 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | |
| | **TOTAL** | **€10,124.97** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 54532 |
| | To | 55146 |

**List prepared by Charmaine Calleja** 01 August 2024

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of July 2024** **01/08/2024**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/07/2024 | 131/24 | 242 group | Backdrop for Jum il-Hatra | 750.00 |
| 01/07/2024 | 132/24 | Antco Signworks | Setting of table, cover and live streaming for Jum il-Hatra | 1333.40 |
| 01/07/2024 | 133/24 | Abraham Bellia | Update of Mayors' plague | |
| 01/07/2024 | 134/24 | Martha Mifsud | Kummissarju tal-Gustizzja minhabba l-hatra | 75.00 |
| 03/07/2024 | 135/24 | | Cancelled | |
| 03/07/2024 | 136/24 | Soundtech | PA audio system and sound re Jum il-Hatra | 885.00 |
| 09/07/2024 | 137/24 | S&R Handaq Ltd | paint & thinner needed | 2181.94 |
| 09/07/2024 | 138/24 | Urban Furniture Malta | traffic mirrors needed | 102.66 |
| 10/07/2024 | 139/24 | Archway Ironmongery | Ironmongery items | 105.80 |
| 12/07/2024 | 140/24 | Paramount Garage | July outing - transport services | 141.60 |
| 16/07/2024 | 141/24 | B. Grima & Sons Ltd. | signs needed | 74.34 |
| 31/07/2024 | 142/24 | Bitmac Works Ltd | 10 bags of instant road repair | 80.24 |

| | |
|---|---|
| **Post:** | **Kunsill Lokali in-Naxxar** |
| **Data:** | **1 ta' Awwissu 2024** |
| **Ħin:** | **11.15 - 13.07** |
| **Preżenti:** | **Is-Sindku, il-Viċi Sindku, Il-Kunsillier Sciberras, Il-Kunsillier Gatt (sostitut tal-Kunsillier Brincat), Is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg, Uffiċjal tal-Kunsill.** |

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

**Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:**

| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tal-Kumitat*** |
|---|---|---|---|---|
| 13317 | 75573 | Talba biex jitwahhal bank fi Triq il-Parrocca k/m Triq San Gorg | Parrocca | Is-sottokumitat ma jqisx li ż-żona hija ideali biex isir bank. |
| 13319 | 75608 | Talba li Triq San Gwann issir one way u ma jkunx hemm access ghal din it-triq minn Triq Santa Lucija. Ritratt mehmuz | San Gwann | Mhux approvata minħabba li tmur kontra d-direzzjoni normali tat-traffiku u ma jibqax aċċess tajjeb fiż-żona. |
| 13320 | | Residenta tixtieq li l-planter li ghandha quddiem id-dar taghha jew titressaq jew titnehha https://maps.app.goo.gl/wYfKNGo3PUkGgxtB8 - Is-SE informa li t-talba qed issir minħabba li qed jgħaddu nies bil-klieb u jħalluhom jaqdu l-bżonnijiet mal-planter. | 21 Ta' Settembru | It-talba ma ġietx milquha però qabel li titpoġġa sticker/tabella biex is-sidien tal-klieb ma jħalluhomx iħammġu mal-planter. Sadanittant il-kuntrattur ikun mitlub li meta jsaqqi jaħsel il-planter u madwarha filwaqt li jaċċerta li hija fi stat tajjeb. |
| 13324 | 75357 | Talba biex titwahhal mera faccata tal-entratura ta' Star Complex. | Anton Manuel Caruana | Minħabba li t-triq hija wiesa' il-mera mhux approvata. il-mera tista' titpoġġa fid-daħla (fil-privat) u ssir u titmanta mir-residenti stess. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13330 | | Request for new sleeping police to be done at both ends of the street (if possible) as a traffic calming measure. Resident advised cars are passing at an excessive speed which is increasing the chances of an accident. | Victoria Lines | Mhux approvata - It-triq hija wiesa', hemm bankina, ftit traffiku u m'hemm l-ebda faċilitajiet pubbliċi (tip ġnien, skola eċċ). Apparti hekk humps jimpattaw fuq il-vetturi tal-emerġenza u joħloq inkonvenjent għar-residenti. |
| 13342 | 73567 | talba ghall-BCRS machine go Triq Anton Manwel Caruana (min ghamel it-talba halliha f'idejn il-Kunsill biex jsib il-post) | Anton Manuel Caruana | Approvata li ssir magna tal-BCRS ħdejn id-daħla ta' splash and fun. Ninfurmaw lil BCRS b'dan - Importanti li ma ssirx viċin ir-residenzi. Importanti wkoll li jinġiebu l-permessi meħtieġa. |
| 13351 | 76576 | Talba biex isiru parking bays fi Triq il-Germanja. Ritratti annessi. | Germanja | Aħjar jitħalla kollox kif inhu għax biex isiru jrid isir kollox skont il-qisien standard li jfisser li li meta tnaqqas il-karreġġjati li suppost għal triq f'żewġ direzzjonijiet, ikollu jitneħħa l-parkeġġ. |
| 13365 | 74683 | talba għall-traffic mirror faċċata tal-exit ta' Triq Dun Karm Scerri jew speed calming measures ġo Triq Leli Falzon viċin Triq Dun Karm Scerri. It-talba qegħeda ssir għaliex qegħdin isibu probelma biex johorgu mit-triq minħabba in-nuqqas ta' visibilita u l-velocita tal-karozzi ġejjin minn Triq Leli Falzon | Leli Falzon | Mhux approvata li ssir mera. It-triq inkluż is-sinjali qegħdin f'idejn IM. Il-Kumitat ma jaqblix li tiżdied il-mera. |
| 13374 | 74682 | talba għall-speedhumps vicin il-junction ta Triq Jules Verne u Triq E Bradford. pjanta annessa | E. Bradford | Nistennew sakemm issir il-laqgħa bejn is-Sindku u residenti (rigward slow streets). Terġa titella' fil kumitat li jmiss. |
| 13375 | 74682 | talba għall-stop/give way signs fil-junction ta' Triq Jules Verne u Triq E Bradford. pjanta annessa | E. Bradford | Nistennew sakemm issir il-laqgħa bejn is-Sindku u residenti (rigward slow streets). Terġa titella' fil kumitat li jmiss. |
| 13377 | 74682 | Talba ghall-cat/animal crossing signs go Triq E Bradford u Triq Jules Verne. pjanta annessa | E. Bradford | Nistennew sakemm issir il-laqgħa bejn is-Sindku u residenti (rigward slow streets). Terġa titella' fil kumitat li jmiss. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13392 | 77177 | Talba biex isiru Traffic Lights quddiem Pizza Planet fejn bhalissa hemm zebra crossing biex iz-zona tkun iktar 'safe', specjalment ghat-tfal li jaqsmu minn hemm | 21 Ta' Settembru | Nitlobu lil TM biex issir b'sistema intelliġenti (bil-ħin). |
| 13398 | 77298 | talba għall-speed hump ġo Triq Leli Falzon bejn Charles mini market u Merino poultry butcher (fejn kienet qabel) | Leli Falzon | Saret minn IM. |
| 13407 | 75311 | talba biex titranga il-bankina ta' quddiem 36 u 38 Triq Andrea Debono, Naxxar. il-bankina qegħeda titfarrak/titfarfar | Andrea Debono (Service Road) | Issir mill-handyman tal-Kunsill b'siment b'taħlita li jiġi b'saħħtu. |
| 13415 | 77363 | Request for a speed hump coming from Triq il-Kampanjol and also coming from Triq AM Caruana onto the corner of Triq id-Dwieli. This is because the area is dangerous since there is an illegal wall | Dwieli | Mhux approvata minħabba li trid tinfetaħ it-triq - nitkellmu mal-planning authority biex il-ġnien li suppost isir triq jinfetaħ. |
| 13419 | 76157 | talba ghall-pavement barriers go Triq Andrea Debono faccata ta' Triq il-Profs A. J. Arberry. il-problema hija li qiegħed ikun hemm karozzi jgħaddu mis-service road ta Triq Andrea Debono u biex jaqbzu it-traffic jghadu minn fuq il-pedestrian ramp ta' fejn hemm il-bus stop u johorġu fil-main road biex jiffrankaw it-traffic (ritratt anness) | Andrea Debono | Isiru poles tal-ħadid kemm ma tgħaddix karozza iżda naraw li tibqa aċċessibli għal wheel chairs etc. |
| 13421 | 75926 / 78051 | talba biex tissewwa il-bankina ta' quddiem 3 garaxxijiet go Triq Hal Musulmett, Naxxar | Hal-Musulmett | Issir il-bankina tkompli ma li hemm (għall-aċċessibiltà) u ssir skont l-istandards filwaqt li jsir it-tarmac fejn suppost hemm. Ma jsirx xogħol mill-Kunsill mil-bankina l-ġewwa. |
| 13425 | 77660 | Talba biex issir speed hump fi Triq Santa Marija (ir-ritratt anness juri 2 possibilitajiet ta fejn tista ssir din l-ispeed hump). It-talba qed issir ghaliex il-karozzi qed jghaddu b'velocita kbira u qed ikunu ta' periklu ghan-nies li jghaddu jimxu minn din it-triq kif ukoll ghal-karozzi li jigu minn Triq San Publiju. | Santa Marija | Mhux approvata. ma ġietx meqjusa ġustifikata. |
| 13426 | 77662 | Talba biex isiru bollards hdejn id-double yellow lines ta' mal-garage ta' hdejn residenza numru 43, Triq in-Nigret. Dan ghaliex il-karozzi kontinwament jipparkjaw fuq id-double yellow lines li qed ikun ta' inkonvenjent ghar-resident ghax ma jkunx jista johrog u jkollu jcempel l-ghassa kull darba. | Nigret | Jiżdiedu linji b'50cm - għal total ta' 1.5mtrs. Bollards ma jistgħux isiru fit-triq. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13435 | 75209 | request to re-evaluate traffic flow in the area of Triq Luqa Briffa, Trejqet Ignazio Micallef, etc as per previous sub-committee decision. w/o - 13298 | Ignazio Micallef | Isiru 2 jew 3 opzjonijiet differenti, nitkellmu ma TM, wara tintbgħat ittra lir-residenti tat-toroq in kwistjoni bi pjan ħolisitku u ssir konsultazzjoni pubblika. |
| 13437 | 73899 | talba biex tiġi livellata id-diskrepanza li hemm bejn il-livell tat-triq (jew jinstab alternattiva ohra) ta' wara l-isplash and fun. id-differenza fil-livell qegħeda toħloq problemi biex jinżlu bil-karozzi u anke bil-mixi. previous coucil decision w/o - 13307 - **Il-Kumitat qabel li għandu jsir xi ħaġa għalhekk talab li nikkuntattjaw lill-infrastrucure Malta u lill-Tourism zones għall-għajnuna.** | Blat l-Abjad | Infakkru lil Ministeru għat-turiżmu fil-promenade li kien imwiegħed. |
| 13438 | n/a | talba biex Triq Paolo Parisio Muscati issir 2 way | Paolo Parisio Muscati | Approvata - ikollu jitneħħa l-parkeġġ in-naħa tal-garaxxijiet. |
| 13442 | N/A | Talba biex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq Santa Fawstina Kowalska biex ikun hemm access ghal din it-triq minn triq Santa Marija. | Santa Fawstina Kowalska | Mhux approvata minħabba li titwal ħafna d-dawra għar-residenti tat-triq. |
| 13445 | 77427 | talba biex tinstab soluzzjoni għan nuqqas ta dawl ġewwa nett ta' Sqaq Nru 5, Pjazza Vittorja. | Vittorja (Sqaq Nru. 5) | Approvata bozza ġdida. |
| 13446 | 78048 | Talba ghal tismija ta' triq bejn Wied Filep li tiehdok ghal Fortizza tal-Mosta, dejjem fil-konfini tan-Naxxar, ara d-dokumenti annessi li gew provduti minn sid ghalqa ghax hemm talba ghal zvilupp u sidien attwali ressqu talba ghall-elettriku | | Tissemma: Triq Nazzarene Grech. |
| 13448 | 78371 | jigu diskussi il-proposed EV charging pillar sites godda | | tinbgħat il-lista preċedenti lill-Kumitat tal-ilmenti, terġa tittella fil-kumitat li jmiss. |
| 13451 | 73880 / 75805 | talba biex terga tigi diskussa. No heavy vehicle signs go Trejqet il-Huggiega, Naxxar. Previous decision - Approvata "no heavy vehicles except to render a service" | Huggiega | Minħabba r-regoli ġodda li qed jesiġu TM, il-Kunsill ma jipproċedix bit-talba. |
| 13452 | 74447 | talba biex jigu ikkunsidrati Elderly crossing warning signs vicin l-akwata tal-Hilltop Gardens go Triq il-Forga | Forga | Approvati. Jinstab l-aħjar post fejn jitwaħħlu. |
| 13459 | 78402 | Talba għal żewġ speed humps fit-triq. | Katakombi | Approvata minħabba li t-triq hija dejqa. |
| 13467 | 78490 | Talba għal mera fejn tilwi it-triq u biex jitressaq il-parking ta' ħdejn il-garaxx tal-Kunsill - dawn qed jintalbu biex ikun hemm aktar viżibiltà tat-triq. | Hal-Dghejf | Approvata. jiżdied id-double yellow line fil-kantuniera (in-naħa tal-garaxx tal-Kunsill) u n-naħa l-oħra. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13469 | 78509 | Talba biex isiru xi forma ta' lqugh bhal crash barriers jew bollards fi Triq il-Maghtab biex jipprevenu milli vetturi jaqghu ghal isfel peress li mal-genb tat-triq hemm wied u dan jinsab iktar baxx mit-triq. | Magħtab | Isiru cats eyes (skont l-istandards bil-kuluri li suppost) |
| 13478 | 77687 | Talba għal speed hump fi Triq Jean De La Vallette. Ritratt mehmuz fejn jixtiequ li jsir. | Jean De La Vallette | Nitolbu għal permess biex isiru bollards f'forma ta' buildout - jekk taħdem eventwalment issir build out. |
| 13244 | | talba biex jitnehha bin minn quddiem il-pastizzerija. Dan minhabba li  l-bin qed ikun jinten u bid-dubbien mieghu anka meta jitbttal. dan fid-dawl li qieghed ezatt quddiem post li jbiegh l-ikel. | 21 ta' Settembru | Jitneħħa l-bin - pastizzerija jintalab jagħmel bin ħdejh. |
| 13323 | 75357 | Talba biex isiru double yellow lines itwal minn 1 meter (li diga huma prezenti) fuq iz-zewg nahat tal-entratura ta' Star Complex | Anton Manuel Caruana | It-talba ta' 2.5mtrs fuq kull naħa ġiet meqjusa bħala eċċessiva. Il-Kunsill marbut bil-liġi li jsiru sa massimu ta' 1mtr u għalhekk ma jistax jitwal. |
| 13483 | 78467 | Talba biex issir rampa sabiex iz-zebra cross tan-naha ta' fuq tat-telgha t'Alla u Ommu tkun aktar accessibli. | T'Alla U Ommu | Approvata. Idealment isir dawl magħha minħabba li fid-dlam tkun perikoluża. |
| | | Talba biex iz-zebra crossing issir pellican crossing u ssir central refuge fin-nofs. | Pjazza Vittorja | Approvata. |

## **Applikazzjoni PC 0011/24** (PROPOSED CHANGE IN PLOT PARCELING AND ALIGNMENT- tal-Wej)

### Is-Sindku jipproponi li l-Kunsill jieħu din il-pożizzjoni formali:

Il-kunsill Lokali tan-Naxxar jixtieq jesprimi l-pozizzjoni tiegħu, li ma jaqbilx mal-applikazzjoni PC 0011/24, fejn qiegħed jintalab permess, biex titkompla parti minn triq u ta' bini ta' vilel fuq żona ODZ, f' area bejn il-Mosta u n-Naxxar.

Fil-passat, din iż-żona magħrufa bħala tal-Wej, kienet miftuħa għall-iżvilupp iżda kwalunkwe proġett ġie rifjutat jew irtirat. Eventwalment is-sena l-oħra, it-tribunal tal-ippjanar ikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), minħabba li ż-żona kienet waħda sensittiva u ta' importanza arkeoloġika u xjentifika.

L-ERA kienet ħadet deċiżjoni li ż-żona, li hija kbira 203,484 metru kwadru, titqies bħala sit ta' Natura 2000 u Żona Speċjali għall-Konservazzjoni ta' Importanza Nazzjonali u Internazzjonali.

L-applikazzjoni PC/11/24 qed tipproponi li Triq il-Ħannewija tingħaqad ma' Triq is-Seneskalk bi triq ġdida filwaqt li jinfetħu ħames biċċiet art li jistgħu jinbnew vilel fuqhom.

Dan il-progett sa juża art ODZ, art li l-ERA kienet assigurat fl-2019 li tkun żona protetta minħabba l "ħabitats", l-interess arkeoloġiku u xjentifika li hemm fiha.

### Jissekonda l-Viċi Sindku

# Direttiva Numru 1/2024

## Laqgħat statutorji tal-Kunsilli

---

**Lil:** Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali
Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali

**Mingħand:** Id-Direttur Ġenerali, Gvern Lokali

**Data:** 1 ta' Awwissu, 2024

---

1. B'referenza għad-Direttiva 7/2020 li titratta dwar il-metodu li bihom isiru l-laqgħat statutorji tal-Kunsilli, qed jinħareġ dan l-aġġornament.

2. Il-laqgħat statutorji għandhom isiru fil-bini amministrattiv tal-Kunsill u membru jista' jipparteċipa b'mod virtwali biss f'każijiet eċċezzjonali. Kull talba f'dan ir-rigward għandha tkun evalwata u deċiża mill-Kunsill.

3. Parteċipazzjoni b'mod virwali ta' membru tal-Kunsill għandha tiġi immarkata tali fil-minuti.

4. Din id-direttiva għandha tidħol fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Awwissu 2024.

**IFFIRMATA**

Emil Vassallo
Direttur Ġenerali, Gvern Lokali

Kopji: Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, MHAL
Awditur Ġenerali
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)
President, AKL
President, ANSEK

**<u>Kriterji għall-ġustifikazzjoni biex Kunsillier jitħalla jipparteċipa għal-laqgħa tal-Kunsill b'mod virtwali</u>**

B'riferenza għad-Direttiva tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali Nru 1/2024 dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsill qed tkun rakkomandata din il-policy sabiex il-Kunsill ma jieħux deċiżjoni każ każ u jkun konsistenti b'direzzjoni ġenerali ma' kulħadd l-istess.

Ikun permess li Kunsillier jingħaqad online jekk:

- Meta l-Kunsill jiddeċiedi d-data u l-ħin tal-laqgħa li jkun imiss, dak il-Kunsillier ikun iddikjara li mhux se jkun possibli li jattendi fiżikament (eżempju minħabba safar, xogħol eċċ) u l-Kunsill ikollu diffikultà biex jakkomoda lill-Kunsillieri kollha.
- Ikun hemm każ ta' saħħa li xorta jippermetti li dak li jkun jipparteċipa b'mod sħiħ (eżempju f'nuqqas ta' mobilità temporanja bħal ksur, rikoverat l-isptar eċċ).

Min jattendi b'mod virtwali għandu jkollu l-camera mixgħula f'kull ħin u jidher li qiegħed isegwi.

# Nominazzjoni għall-Premju "Ġieħ in-Naxxar"

Data: ______________________

Liċ-Chairman
Bord "Ġieħ in-Naxxar"
Kunsill Lokali Naxxar,
Vjal il-21 ta' Settembru,
Naxxar NXR 1018.

Sur *Chairman*,

Jien/a hawn taħt imsemmi/ja, u li noqgħod ________________________________________

________________________________________________________________________

nixtieq nipproponi lil ______________________________________________________

bin-numru tal-identità, ____________________________________________

u li joqgħod/toqgħod _______________________________________________________

sabiex il-Bord jikkunsidrah/a għall-Premju "Ġieħ in-Naxxar".

Mehmuż jekk jogħġbok sib ukoll informazzjoni qasira* ttajpjata dwar:

1. il-persuna li qed ninnominaw u
2. dwar l-Att, Azzjoni jew Kontribut li din il-persuna wettqet, u li wassalna ninnominawh/a biex il-Bord jikkunsidrah/a għall-premju "Ġieħ in-Naxxar".

| ________________________ | ________________ | ______________________ |
|---|---|---|
| Isem tal-Proponent | Nru. tal-I.D. | Firma |
| ________________________ | ________________ | ______________________ |
| Isem tas-Sekondant | Nru. tal-I.D. | Firma |

**** Tul żejjed mhux meħtieg – basta l-informazzjoni ttajpjata dwar l-Att, Azzjoni jew Kontribut tal-persuna hawn nominata turi ċar għaliex il-proponent u s-sekondant jidhrilhom li l-Bord għandu jikkunsidra 'l dik il-persuna għall-premju "Ġieħ in-Naxxar".***

**L-applikazzjoni, mimlija kif meħtieġ, għandha tasal fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, u tiġi depożitata f'kaxxa apposta, sa mhux aktar minn nofsinhar tal-________.**

# *Premju "Ġieħ in-Naxxar"*

<u>**ĦAMES PRINĊIPJI BAŻIĊI GĦALL-GĦOTI TAL-PREMJU "ĠIEĦ IN-NAXXAR"**</u>

Dan l-unur jingħata lil dik il-persuna li tingħażel mill-Bord tal-Għażla "Ġieħ in-Naxxar".

1. L-għan ewlieni wara l-għoti ta' dan il-premju hu li jingħata rikonoxximent validu lil Att, Azzjoni jew Kontribut siewi li l-persuna magħżula tkun għamlet jew tat fil-ħajja soċjali, politika, kulturali jew reliġjuża.
2. Dak l-Att, Azzjoni jew Kontribut irid ikun tali li jitqies ogħla minn dak li l-persuna rebbieħa mistennija tagħmel *bi dmir* fil-qadi normali ta' dmirijietha.
3. L-Att, Azzjoni jew Kontribut mhux neċessarjament irid ikun seħħ fin-Naxxar jew ikun ingħata lin-Naxxar direttament – jista' jkun ukoll kwalunkwe Att, Azzjoni jew Kontribut li l-persuna magħżula tkun tat fuq livell nazzjonali jew internazzjonali, <u>madanakollu hu meħtieġ u importanti li l-Att, Azzjoni jew Kontribut jgħolli isem in-Naxxar</u>**.**
4. Fattur importanti li jwassal lill-Bord għall-għażla tiegħu hu li l-Att, Azzjoni jew Kontribut li l-persuna tkun tat jitqies ta' siwi biex tisseddaq aktar l-għaqda fil-komunità tan-Naxxar – għaqda fuq il-livelli kollha tal-komunità, dawk soċjali, politiċi, kulturali u reliġjużi.
5. Biex dan l-unur jingħata lill-persuna li tingħażel mill-Bord, hu meħtieġ li dik il-persuna tkun għadha ħajja sad-data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet.

**- - - o 0 o - - -**

**Notamenti maħsubin biex jiggwidaw lill-Proponenti:**

*Dawn in-notamenti li ġejjin jistgħu jgħinu lill-proponenti biex jagħmlu nomina siewja – dejjem fid-dawl tal-Ħames Prinċipji Bażiċi msemmija.*

A. <u>Kif wieħed għandu jagħmel nomina</u>

Biex il-Bord jikkunsidra nomina ta' persuna għall-għoti tal-premju, dik in-nomina jrid ikollha: 1) proponent u 2) sekondant. Kemm min jinnomina kif ukoll min jissekonda jeħtieġ jirrispetta dawn il-kriterji li ġejjin.

- Kullħadd għandu d-dritt li jinnomina jew li jissekonda lil xi ħadd għall-għoti ta' dan il-premju. Madanakollu: kemm min jinnomina, kif ukoll min jissekonda nomina, ma jista' jkollu ebda tip ta' rabta ta' familja (ara n-nota[1] li hemm f'qiegħ din il-paġna) mal-persuna nominata. F'każ li jkun hemm xi tip ta' rabta ta' din in-natura, il-proposta titqies invalida u l-Bord ma jikkunsidrahiex.

[1] Għall-finijiet ta'dan il-Premju, rabta familjari titqies li teżisti jekk il-persuna nominata u l-proponent jew is-sekondant ikunu miżżewġin jew jekk il-proponent jew is-sekondant ikunu l-wild, ġenitur, in-nannu/a, ħu/oħt, iz-ziju/a, prim kuġin/a, in-neputi/ja tal-persuna nominata jew tar-raġel/tal-mara tiegħu/tagħha.

- Persuni nominati għall-Premju "Ġieħ in-Naxxar" fi snin imgħoddija huma eliġibbli biex wieħed jinnominahom mill-ġdid għal din is-sena – basta (a) ma jkunux diġà rebħu dan il-premju fl-imgħoddi u (b) in-nomina tagħhom tkun skond il-Ħames Prinċipji Bażiċi msemmija.

B. <u>X'jista' jwassal biex persuna tikkwalifika għall-għażla tal-Premju "Ġieħ in-Naxxar</u>"?
Biex proponent u sekondant jinnominaw persuna għall-għoti tal-Premju "Ġieħ in-Naxxar" jeħtiġilhom ifissru bil-miktub ir-raġunijiet li wassluhom iħossu li l-persuna li qed jinnominaw jixirqilha tingħata l-premju. Dawn ir-raġunijiet jeħtieġ li jaqblu bis-sħiħ ma' kull wieħed mill-Ħames Prinċipji Bażiċi msemmija. Il-proponent u s-sekondant importanti jqisu wkoll li l-Att, Azzjoni jew Kontribut tal-persuna minnhom nominata jkun jaqbel tajjeb ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

a) Att, Azzjoni jew Kontribut li l-persuna nominata tkun wettqet fin-Naxxar b'mod li jkun wassal għal titjib fil-kwalità tal-ħajja fin-Naxxar.
b) Att, Azzjoni jew Kontribut li l-persuna nominata tkun wettqet fuq livell nazzjonali b'mod li jkun wassal ghal titjib fil-kwalità tal-ħajja in ġenerali.
c) Att, Azzjoni jew Kontribut li l-persuna nominata tkun wettqet favur persuna/i anqas vantaġġjata/i (li mhux neċessarjament tkun/ikunu residenti fin-Naxxar) – liema Att, Azzjoni jew Kontribut ikun sewa ta' eżempju lis-soċjetà.
d) Att, Azzjoni jew Kontribut li jixhed inizjattiva u kreattività ta' livell partikolari u li, b'hekk, ikun sewa ta' ispirazzjonji u eżempju lis-soċjetà.
e) Ħidma li permezz tagħha l-persuna nominata tkun waqqfet skema ta' volontarjat jew sawret kuxjenza pubblika favur l-għarfien tad-Dinjità tal-Bniedem.

Meta l-Att, Azzjoni jew Kontribut meritevoli jkun sar kollettivament min-numru ta' persuni, mhux eskluż li l-premju jingħata lil koppja, grupp, numru ta' nies jew għaqda – dejjem, madanakollu, fid-dawl tal-Ħames Prinċipji Bażiċi msemmija.

Kwalunkwe forma ta' att ta' solleċitazzjoni ma' xi membru/i tal-Bord a favur ta' xi persuna nominata, magħmul minn proponent, sekondant jew membru tal-familja ta' dik l-istess persuna nominata, iwassal biex, minn dak l-istess mument, in-nomina ta' dik il-persuna tkun skwalifikata mill-kunsiderazzjoni tal-Bord fil-proċess tal-għażla għall-għoti ta' dan il-premju.

Ċ. <u>Proċedura għan-Nominazzjonijiet</u>
Kull nomina trid issir fuq formola apposta maħruġa mill-Bord. L-informazzjoni dwar il-persuna/i nominata/i għandha tkun ittajpjata. **Wara li timtela, l-applikazzjoni trid titwassal fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, magħluqa f'envelopp issiġillat (nominazzjoni WAĦDA BISS f'kull envelopp) u indirizzat hekk**:

Liċ-*Chairman*
Bord "Ġieħ in-Naxxar"
Kunsill Lokali Naxxar,
Vjal il-21 ta' Settembru,
Naxxar NXR 1018

u tintefa' f'kaxxa apposta fl-uffiċċju tal-Kunsill sad-data li tidher stampata fuq l-istess formola.

L-informazzjoni dwar il-persuna nominata m'għandhiex tkun ta' tul żejjed – basta l-informazzjoni ttajpjata dwar l-Att, Azzjoni jew Kontribut tal-persuna nominata turi ċar għaliex il-proponent u s-sekondant jidhrilhom li l-Bord għandu jikkunsidra 'l dik il-persuna għall-Premju "Ġieħ in-Naxxar".

Formoli ta' nominazzjonijiet mingħajr proponent u/jew sekondant jitqiesu invalidi u l-Bord ma jikkunsidrahomx.

Il-Bord iqis invalidi wkoll dawk in-nominazzjonijiet li ma jkollhomx informazzjoni fuq il-persuna nominata u/jew informazzjoni dwar l-Att, Azzjoni jew Kontribut li minħabba fih tkun qed issir in-nomina.

Id-deċiżjoni tal-Bord hi finali.

L-għażla titħabbar waqt attività li se ssir nhar il-Ġimgħa ________ bħala parti mill-attivitajiet li jfakkru Jum in-Naxxar.